

## Dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-UE (CC 1/2018) dwar in-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont u tal-adwitjar tal-mekkaniżmu superviżorju għall-banek fiż-żona tal-euro

13 ta' Novembru 2018

Il-Kumitat ta' Kuntatt tal-UE huwa l-assemblea tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-Istati Membri tal-UE u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-kummenti tagħna huma bbażati fuq is-sejbiet imsemmija f'rapporti tal-awditjar (ara l-lista mehmuża) maħruġa reċentement mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) tal-Awstrija, ta' Ċipru, tal-Finlandja, tal-Ġermanja u tan-Netherlands. Huma jieħdu kont ukoll tal-analiżi maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2017 dwar il-mekkaniżmu superviżorju għall-banek fiż-żona tal-euro.

It-twaqqif tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) f'Novembru 2014 kien jimplika bidla fundamentali fl-arkitettura tas-superviżjoni bankarja tal-UE. Kważi 130 bank "sinifikanti" ġew taħt is-superviżjoni diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Dawn jirrappreżentaw assi b'valur totali ta' EUR 21 triljun, jiġifieri 80 % tal-valur totali tal-assi tal-banek fiż-żona tal-euro. Bosta eluf ta' banek "inqas sinifikanti", jiġifieri ta' daqs medju u żgħar, għadhom taħt superviżjoni nazzjonali diretta, għalkemm taħt ir-responsabbiltà tal-BĊE.

Konsegwentement, dawk is-SAIs tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro li qabel kellhom il-mandat biex jawditjaw is-superviżjoni tal-banek kollha, issa – jiġifieri mill-introduzzjoni tal-MSU 'l hawn – ma għadhomx jistgħu jwettqu aktar dan ir-rwol għall-banek "sinifikanti". It-telf tal-mandat li ġarrbu dawn is-SAIs nazzjonali mhuwiex ikkumpensat mill-mandat tal-awditjar attwali tal-QEA meta mqabbel mal-BĊE. Dan wassal għal sitwazzjoni paradossali fejn il-kompetenzi tal-awditjar fir-rigward tas-superviżjoni bankarja issa huma, kumplessivament, aktar limitati minn kif kienu qabel l-introduzzjoni tal-MSU.

Fid-dawl tal-isforzi attwali li saru fil-livell tal-UE biex tkun kompleta l-Unjoni Bankarja u biex tinżamm il-fiducia taċ-ċittadini f'din l-Unjoni, il-prinċipji fundamentali tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont iridu jkunu garantiti. Dan jirrikjedi arranġamenti ta' verifika pubblika li jkunu adegwati u robusti.

Għaldaqstant, il-Kumitat ta' Kuntatt jappella lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea biex isaħħu l-arranġamenti rilevanti tal-obbligu ta' rendikont u tal-adwitjar, sabiex jitnaqqsu l-lakuni tal-awditjar identifikati, b'mod notevoli billi:

- **jiġi allinjat il-mandat tal-QEA** fir-rigward tal-awditjar tal-mekkaniżmu superviżorju tal-BĊE mal-mandat tal-awditjar tagħha relatat mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat l-aċċess sħiħ għall-informazzjoni kollha li l-QEA tqis rilevanti għax-xogħol tal-awditjar li twettaq;
- **jiġi żgurat li s-SAIs nazzjonali fiż-żona tal-euro li għandhom mandat** fir-rigward tas-superviżjoni ta' banek "inqas sinifikanti" jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha (inkluża l-informazzjoni tal-BĊE) li huma jqisu rilevanti, u b'hekk ikunu jistgħu jissodisfaw il-mandati tal-awditjar tagħhom;
- **fejn ikun meħtieġ u fattibbli, jiġu estiżi l-mandati tal-awditjar tas-SAIs nazzjonali fiż-żona tal-euro li ma għandhomx mandat jew li għandhom mandat limitat** fir-rigward tas-superviżjoni ta' banek "inqas sinifikanti", biex b'hekk jiġi żgurat li l-mandat tagħhom ikun jinkludi wkoll l-awditjar tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

Mehmuża: Lista ta' rapporti tal-awditjar li jirrigwardaw is-superviżjoni bankarja fl-UE

# Lista ta' rapporti tal-awditjar li jirrigwardaw is-superviżjoni bankarja fl-UE

## Il-Kumitat ta' Kuntatt

- Ir-[Rapport](#) tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet medji u żgħar (“inqas sinifikanti”) fl-Unjoni Ewropea wara l-introduzzjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (Diċembru 2017)

## Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

- Ir-[Rapport](#) Speċjali Nru 29/2016: Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku - Bidu tajjeb iżda jenħtieġ aktar titjib (Novembru 2016)
- Ir-[Rapport](#) Speċjali Nru 2/2018: L-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE (Jannar 2018)

## L-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Awstrijaka

- Ir-[Rapport](#) Federali Nru 2017/20: “Banking Supervision in Austria” (Superviżjoni Bankarja fl-Awstrija) (April 2017)

## L-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Ċiprijotta

- Ir-Rapport Speċjali Nru CBC/01/2017 “Banking supervision – Regulatory Framework and Organisation of Supervision on Less Significant Banks in Cyprus” (Superviżjoni bankarja – Qafas Regulatorju u Organizzazzjoni tas-Superviżjoni fuq il-Banek Inqas Sinifikanti f'Ċipru), flimkien ma' ittra ta' akkumpanjament, datata l-21.11.2017, indirizzata lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru u mibgħuta lill-Ministru tal-Finanzi<sup>1</sup>

## L-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Ġermaniża

- Ir-[Rapport](#) ta' Konsulenza Nru III 5 – 20 51 03 dwar limitazzjoni tal-mandat tal-awditjar tas-SAI Ġermaniża fil-qasam tas-superviżjoni bankarja u tal-istituzzjonijiet finanzjarji (Jannar 2016)
- Ir-[Rapport](#) ta' Konsulenza Nru III 5 – 2016 – 0633 dwar limitazzjoni tal-mandat tal-awditjar tas-SAI Ġermaniża fil-qasam tas-superviżjoni bankarja u tal-istituzzjonijiet finanzjarji (Jannar 2017)

## L-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar Netherlandiża

- Ir-[Rapport](#): *Supervision of banks in the Netherlands* (Superviżjoni tal-banek fin-Netherlands), is-27 ta' Settembru 2017
- [Ittra](#) lill-parlament tan-Netherlands li takkumpanja r-Rapport tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet medji u żgħar (“inqas sinifikanti”) fl-Unjoni Ewropea wara l-introduzzjoni tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (Diċembru 2017), l-14 ta' Diċembru 2017, flimkien ma' stqarrija għall-istampa bl-Ingliż

---

<sup>1</sup> Mhux disponibbli għall-pubbliku